



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 12 ta' Novembru 2013
(OR. en)**

16089/13

**ECOFIN 1005
RELEX 1018
FIN 742**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Ottubru 2013
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2013) 752 final
Suġġett:	RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL DWAR L-ATTIVITAJIET TAT-TEĦID U L-GĦOTI B'SELF TAL-UNJONI EWROPEA FL-2012

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2013) 752 final.

Mehmuż: COM(2013) 752 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.10.2013
COM(2013) 752 final

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**DWAR L-ATTIVITAJIET TAT-TEĦID U L-GĦOTI B'SELF TAL-UNJONI
EWROPEA FL-2012**

Werrej

<u>1.</u>	<u>Introduzzjoni</u>	3
<u>2.</u>	<u>Attivitajiet ta' għoti b'self tal-Unjoni Ewropea</u>	3
<u>2.1.</u>	<u>Faċilità tal-BOP</u>	3
<u>2.2.</u>	<u>EFSM</u>	4
<u>2.3.</u>	<u>Faċilità tal-MFA</u>	7
<u>2.4.</u>	<u>Il-faċilità tal-Euratom</u>	8
<u>3.</u>	<u>Attivitajiet ta' teħid b'self tal-Unjoni Ewropea</u>	9
<u>3.1.</u>	<u>BOP</u>	9
<u>3.2.</u>	<u>EFSM</u>	10
<u>3.3.</u>	<u>MFA</u>	10
<u>3.4.</u>	<u>Euratom</u>	11
<u>4.</u>	<u>Il-Bank Ewropew tal-Investment</u>	11
<u>4.1.</u>	<u>Attivitajiet ta' għoti b'self tal-BEI</u>	11
<u>4.2.</u>	<u>Attivitajiet ta' teħid b'self tal-BEI</u>	11
<u>5.</u>	<u>Żgurar ta' stabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro</u>	12
<u>5.1.</u>	<u>Faċilità ta' Self għall-Greċja (GLF)</u>	12
<u>5.2.</u>	<u>Il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF)</u>	13
<u>5.3.</u>	<u>Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES)</u>	13

1. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni hi meħtieġa li tgħarraf kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu tad-diversi strumenti ta' self tal-Unjoni Ewropea.

Sabiex jissodisfa dawn ir-rekwiżiti ta' informazzjoni, dan ir-rapport jiddeskrivi l-operazzjonijiet ta' għoti b'self għal kull strument kif ukoll l-attivitajiet rispettivi ta' teħid b'self.

2. ATTIVITAJIET TA' GĦOTI B'SELF TAL-UNJONI EWROPEA

Is-sostenn finanzjarju għall-pajjiżi terzi kif ukoll għall-Istati Membri fil-forma ta' selfiet bilaterali ffinanzjati mis-swieq kapitali bil-garanzija tal-baġit tal-UE huwa pprovdut mill-Kummissjoni permezz ta' bosta atti legali tal-Kunsill jew tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew, skont l-għanijiet segwiti¹. Il-konsistenza ta' appoġġ finanzjarju lil pajjiżi terzi bl-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-UE hija żgurata mill-Kummissjoni u r-Rappreżentanta Għolja, meġhuna mis-SEAE.

2.1. Faċilità tal-BOP

L-assistenza għall-Bilanċ tal-Pagamenti (BOP) skont l-Artikolu 143 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jstabbilixxi faċilità li ttiprovdi għajjnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri² tieħu l-forma ta' self fuq medda medja ta' żmien ipprovdut mill-Unjoni u ġeneralment tingħata flimkien mal-fondi mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u selliefa multilaterali oħra, bħall-BEI, il-BERŻ jew il-Bank Dinji, jew għajjnuna bilaterali mill-Istati Membri.

L-assistenza għall-BOP hija eċċezzjonali fin-natura tagħha u tingħata fuq bażi ta' każ b'każ mill-Kunsill billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata. Benefiċjarji potenzjali huma l-Istati Membri mhux fiż-żona tal-euro li jkunu qed jaffrontaw diffikultajiet serji fil-bilanċ tal-pagamenti. L-għan tagħha huwa li ttaffi l-pressjonijiet esterni ta' finanzjament tal-Istati Membri benefiċjarji u li treġġa' lura l-vijabbiltà tal-bilanċ tal-pagamenti ta' pajjiż. Hija tingħata soġġetta għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika li tiġi deċiża mill-Kunsill — wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) dwar abbozz ta' programm ta' aġġustament — u qbil min-naħa tal-Kummissjoni u tal-Istat Membru benefiċjarju f'Memorandum ta' Qbil (MtQ) qabel il-konklużjoni ta' ftehim ta' self. Il-konformità kontinwa ma' miżuri fil-programm ta' aġġustament tiġi rieżaminata regolarment u hija kundizzjoni għall-iżborżi ta' ħlas parzjali ulterjuri. Il-fondi meħtieġa jinġabru mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni Ewropea fis-swieq kapitali.

Il-Kummissjoni tirrapporta regolarment lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Bilanċ tal-Pagamenti.

¹ Il-preżentazzjoni dettaljata tal-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self tal-Kummissjoni hija disponibbli fis-sit elettroniku http://ec.europa.eu/economy_finance/eu_borrower/index_en.htm.

² ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1.

Il-faċilità tal-BOP ġiet riattivata fl-2008 b'reazzjoni għall-kriżi ekonomika u finanzjarja internazzjonali u l-limitu massimu tagħha żdied minn EUR 12-il biljun għal EUR 25 biljun f'Diċembru 2008³ filwaqt li f'Mejju 2009 ġiet deċiża żieda oħra għal EUR 50 biljun⁴ sabiex l-UE tkun tista' tirreaġixxi malajr għal kwalunkwe talba ulterjuri għal assistenza għall-BOP. Sal-31 ta' Diċembru 2012, kien ġie impenjat ammont totali ta' EUR 14,6-il biljun lill-Ungerija⁵, lil-Latvja⁶ u lir-Rumanija⁷ li minnhom EUR 13,4-il biljun ġew żborżati sal-aħħar tal-2012.

Minbarra l-EUR 5 biljun ta' assistenza għall-BOP, li skadiet fis-6 ta' Mejj 2012, il-Kunsill iddeċieda fl-2011 li jipprovdi assistenza finanzjarja prekawzjonarja (PFA) lir-Rumanija sa EUR 1,4 biljun⁸. Madankollu, ma sar l-ebda żborż u l-faċilità skadiet fil-31 ta' Marzu 2013.

L-assistenza finanzjarja mogħtija lill-Ungerija u lil-Latvja, skadiet f'Novembru 2010 u f'Jannar 2012, rispettivament.

Fl-2012, l-ebda deċiżjoni/pagament ma saru skont il-faċilità tal-BOP.

Tabella 1: Assistenza għall-BoP fil-31.12.2012 (f'EUR biljuni)

Pajjiż	Ammont mogħti	Ammont żborżat	Ammont rimborżat	Ammont pendenti	Maturità medj tas-self (snin)
L-Ungerija	6,5	5,5	2,0	3,5	6,1
Il-Latvja	3,1	2,9	0	2,9	6,6
Ir-Rumanija (BOP)	5,0	5,0	0	5,0	7,0
Ir-Rumanija (PFA)	1,4	0	0	0,0	0
Total	16,0	13,4	2,0	11,4	

2.2. EFSM

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejj 2010 stabbilixxa l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) fuq il-bażi tal-

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1360/2008 tat-2 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 332/2002 li jstabbilixxi faċilità li tipprovdi għajjnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagamenti tal-Istati Membri (ĠU L 352, 31.12.2008, p. 11).

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 431/2009 tat-18 ta' Mejj 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 332/2002 li jstabbilixxi faċilità li tipprovdi għajjnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagamenti tal-Istati Membri (ĠU L 128, 27.5.2009, p. 1).

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/102/KE tal-4 ta' Novembru 2008.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/290/KE tal-20 ta' Jannar 2009.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/459/KE tas-6 ta' Mejj 2009.

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/288/UE tat-12 ta' Mejj 2011 dwar l-għoti ta' għajjnuna finanzjarja prekawzjonarja mill-UE fuq terminu ta' żmien medju lir-Rumanija (ĠU L 132, 19.5.2011, p. 15).

Artikolu 122(2)⁹ . L-EFSM huwa appoġġjat bis-sħiħ mill-baġit tal-UE u għandu kapaċità totali ta' self sa EUR 60 biljun.

Benefiċjarji potenzjali għall-assistenza tal-EFSM huma l-Istati Membri fiż-żona tal-euro li qed jiffaċċjaw diffikultajiet ikkawżati minn deterjorament serju fl-ambjent ekonomiku u finanzjarju internazzjonali. L-użu tal-EFSM huwa suġġett għal kundizzjonalità politika fil-kuntest ta' programm ta' aġġustament ekonomiku u finanzjarju kif miftiehem skont Memorandum ta' Qbil konkluż bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru benefiċjarju u jsegwi proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet simili għal dak ta' assistenza għall-BOP. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet finanzjarji u s-sorveljanza regolari fl-implimentazzjoni tal-programm huma magħmula f'konsultazzjoni mal-BĊE, mill-inqas kull sitt xhur rigward il-kundizzjonijiet ġenerali tal-politika ekonomika tal-programm ta' aġġustament u kull tliet xhur għall-verifika ta' twestiq mill-Istat Membru tal-kundizzjonijiet ta' politika ekonomika marbutin mal-assistenza. Kwalunkwe tibdil li jista' jkun meħtieġ fil-programm ta' aġġustament jiġi diskuss mal-Istat Membru benefiċjarju. Il-Kunsill, li jaġixxi permezz ta' maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jiddeċiedi dwar kwalunkwe aġġustament li jrid isir fil-kundizzjonijiet ġenerali inizjali tal-politika ekonomika u japprova l-programm ta' aġġustament rivedut kif imħejji mill-Istat Membru benefiċjarju.

Il-Kummissjoni tirrapporta b'mod regolari lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-EFSM u dwar l-issoktar tal-okkorrenzi eċċezzjonali li ġġustifikaw l-adozzjoni tiegħu .

Il-faċilità tal-EFSM ġiet attivata fl-2011 għall-Irlanda u l-Portugall, fejn ġie impenjat ammont ta' self sa EUR 22,5 biljun u EUR 26 biljun għal dawn iż-żewġ pajjiżi benefiċjarji rispettivament. L-impenji totali, li jinkludu wkoll dawk tal-EFSF, tal-FMI u ta' Stati Membri oħra, jammontaw għal EUR 85 biljun u EUR 78 biljun rispettivament:

Tabella 2: Dettalji tal-impenji (f'EUR biljuni)

Pajjiż	EFSM	EFSF	FMI	Oħrajn	Total
L-Irlanda	22,5	17,7	22,5	22,3*	85
Il-Portugall	26,0	26,0	26,0		78
Total	48,5	43,7	48,5	22,3	163

* EUR 4,8 biljuni minn Stati Membri oħra (ir-Renju Unit, l-Isvezja, id-Danimarka) u EUR 17,5-il biljun mill-Istat Irlandiż.

Barra minn hekk, f'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Kapijiet tal-Istat u tal-Gvern tal-pajjiżi fiż-żona tal-euro u tal-istituzzjonijiet tal-UE tal-21 ta' Lulju 2011, estensjoni tal-maturitajiet¹⁰

⁹ L-Artikolu 122(2) tat-TFUE jipprevedi appoġġ finanzjarju għall-Istati Membri li jinsabu f'diffikultajiet ikkawżati minn ċirkustanzi eċċezzjonali li jmorru lil hinn mill-kontroll tagħhom.

¹⁰ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill Nru 2013/313/UE tal-21 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni 2011/77/UE (l-Irlanda) (ĠU L 173, 26.6.2013, p. 40), u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill Nru 2013/323/UE tal-21 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni 2011/344/UE (il-Portugall) (ĠU L 175, 27.6.10.2013, p. 47).

kif ukoll tnaqqis fil-marġini tar-rata tal-imghax¹¹ kienu ġew deċiżi u applikati b'mod retroattiv lil kull porzjon ta' self żborżat.

B'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE¹² u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE,¹³ ġew żborżati EUR 7,800 miljun lill-Irlanda u EUR 8,000 miljun lill-Portugall fl-2012. L-ammont pendenti totali tal-Faċilità huwa ta' EUR 43,800 miljun fi tmiem l-2012.

¹¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill Nru 2011/682/UE tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni 2011/77/UE (l-Irlanda) (ĠU L 269, 14.10.2011, p. 31), u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill Nru 2011/683/UE tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni 2011/344/UE (il-Portugall), (ĠU L 269, 14.10.2011, p. 32).

¹² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill Nru 2011/77/UE tas-7 ta' Diċembru 2010 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34).

¹³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill Nru 2011/344/UE tat-30 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 159, 30.5.2011, p. 88).

Tabella 3: Lista ta' operazzjonijiet ta' self żborżati taħt il-faċilita tal-EFSM fl-2012 (f'EUR miljuni)

Pajjiż	Deċiżjoni	Ammont mogħti	Data tal-ħlas parzjali	Ammont żborżat	Kupun	Maturita	Maturita medja tas-self (snin)
L-Irlanda	2011/77/UE	22,500	16/01/2012	1,500	3,75 %	04/04/2042	10,2
			05/03/2012	3,000	3,375 %	04/04/2032	11,8
			03/07/2012	2,300	2,875 %	04/04/2028	12,3
			30/10/2012	1,000	2,50 %	04/11/2027	12,4
Subtotal				7,800			12,4
Il-Portugall	2011/344/UE	26,000	16/01/2012	1,500	3,75 %	04/04/2042	10,9
			24/04/2012	1,800	3,375 %	05/04/2038	12,5
			04/05/2012	2,700	2,75 %	04/04/2022	12,2
			30/10/2012	2,000	2,50 %	04/11/2027	12,4
Subtotal				8,000			12,4
Total		48,500		15,800			

2.3. Faċilita tal-MFA

Qed tiġi pprovduta assistenza makrofinanzjarja (MFA) biex tgħin lill-pajjiżi kandidati, lill-pajjiżi kandidati potenzjali u lill-pajjiżi tal-vcinat tal-UE jsolvu problemi ta' bilanċ tal-pagamenti fuq perjodu qasir, sabiex jiġu stabbilizzati l-finanzi pubbliċi u sabiex tinkoraġġixxi l-implimentazzjoni tar-riforma strutturali. L-MFA tingħata fuq bażi eċċezzjonali u temporanja u hija msejsa fuq kundizzjonalita stretta tal-politika ekonomika. L-operazzjonijiet tal-MFA tipikament jikkumplimentaw il-programmi ta' aġġustament tal-FMI. L-MFA tista' tiġi pprovduta fl-għamla ta' għotjiet u/jew selfiet mhux rimborżabbli.

Jekk pajjiż benefiċjarju ma jonorax l-obbligu tiegħu ta' ħlas lura, il-Kummissjoni tista' tattiva l-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni¹⁴ biex il-ħlas lura tas-self korrispondenti mill-Kummissjoni jsir mill-fondi tiegħu¹⁵.

¹⁴ Ara r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009. Sa issa ma ġiet irreġistrata l-ebda inadempjenza għall-għoti b'self mill-MFA.

¹⁵ Għalkemm il-ħlas lura tas-self huwa kopert bil-garanzija tal-baġit tal-UE, il-Fond ta' Garanzija jaġixxi bħala riżervi ta' likwidita li jiproteġu l-baġit tal-UE kontra r-riskju ta' sejħiet li jirriżultaw minn inadempjenzi. Għal rapport komprensiv dwar il-funzjonament tal-Fond, ara COM(2010)418 u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah (SEC(2010)968).

Informazzjoni dettaljata dwar l-operazzjonijiet tal-MFA tista' tinstab fir-Rapport annwali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-MFA lill-pajjiżi terzi¹⁶.

Fl-2012, tlestiet l-operazzjoni tal-MFA għall-Armenja li kienet adottata fl-2009¹⁷. Il-komponent ta' self tat-tieni u l-aħħar porzjon li jammonta għal EUR 39 miljun tħallas lill-awtoritajiet Armeni fi Frar 2012. L-ewwel porzjon u l-parti tal-għotja mit-tieni porzjon kienu tħallsu fl-2011. Din għalqet l-operazzjoni tal-MFA ta' EUR 100 miljun magħmula minn EUR 65 miljun f'selfiet u EUR 35 miljun f'għotjiet.

Fir-rigward tal-MFA lill-Moldova¹⁸, li tikkonsisti f'EUR 90 miljun f'għotja, il-Kummissjoni ħarġet it-tielet u l-aħħar porzjon (EUR 30 miljun) f'April 2012.

L-implimentazzjoni tal-MFA lill-Ukraina, li ġiet approvata fl-2010¹⁹, li, flimkien mal-fondi disponibbli minn operazzjoni preċedenti approvata fl-2002, tammonta għal EUR 610 miljun f'selfiet, ittardjat aktar fl-2012 minħabba l-ħtieġa ta' qbil mal-awtoritajiet Ukraini rigward ċerti kondizzjonijiet tal-Memorandum ta' Qbil (MtQ) kif ukoll il-fatt li l-programm tal-FMI kien waqa' lura u mbagħad skada f'Diċembru 2012. Intlaħaq ftehim dwar l-MtQ f'nofs l-2012 u l-MtQ ġie ffirmat fil-qafas tas-Summit Ukraina-UE fi Frar 2013. Madankollu, l-ewwel żborż ta' din l-operazzjoni tal-MFA jibqa' suġġett għall-awtoritajiet Ukraini u li l-FMI jiftiehem dwar programm ġdid ta' għajjuna finanzjarja.

Fir-rigward tal-MFA lill-Bożnja u Herzegovina²⁰, li ġiet approvata fl-2009 (li tammonta għal total ta' EUR 100 miljun f'selfiet), il-validità tal-Memorandum ta' Qbil u tal-Ftehim ta' Self ġiet estiża b'sena sa Novembru 2013. L-ewwel porzjon ta' din l-operazzjoni, li tammonta għal EUR 50 miljun, tħallset fi Frar 2013.

Fl-2012, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddiskutew żewġ proposti leġiżlattivi għal operazzjonijiet ġodda tal-MFA adottati mill-Kummissjoni fl-2011, il-proposta biex tiġi estiża l-MFA lil Ġeorġja għal EUR 23 miljun f'selfiet u EUR 23 miljun f'għotjiet, u l-proposta biex tiġi estiża MFA eċċezzjonali²¹ lir-Repubblika Kyrgiża ta' EUR 15-il miljun f'selfiet u EUR 15-il miljun f'għotjiet. Id-Deċiżjoni dwar il-Ġeorġja ġiet adottata f'Awwissu 2013.

2.4. Il-faċilità tal-Euratom

Il-faċilità ta' self tal-Euratom tista' tintuża biex tiffinanzja proġetti fl-Istati Membri (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom) jew f'ċerti pajjiżi terzi (l-Ukraina, ir-Russja jew l-Armenja) (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/179/Euratom).

Fl-1990, il-Kunsill iffissa limitu ta' teħid b'self ta' EUR 4 biljuni, li minnhom ġew deċiżi u żborżati madwar EUR 3,4 biljuni. Fl-2002, il-Kummissjoni pproponiet żieda fil-limitu tas-self għal EUR 6 biljuni, iżda l-Kunsill ippospona d-deċiżjoni tiegħu sakemm l-iżborżi jaslu għal EUR 3,8 biljun.

¹⁶ COM(2013)426 u SWD(2013)211.

¹⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/890/KE tat-30 ta' Novembru 2009.

¹⁸ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 938/2010/UE tas-7 ta' Settembru 2010.

¹⁹ Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 388/2010/UE tas-7 ta' Lulju 2010.

²⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/891/KE tat-30 ta' Novembru 2009.

²¹ "Eċċezzjonali" fis-sens li tingħata lil pajjiż li jinsab 'il barra mill-ambitu ġeografiku normali tal-MFA, jiġifieri kandidat/kandidat potenzjali u l-pajjiżi tal-viċinat.

Għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet dwar self ta' EUR 300 miljun lill-Ukraina, li se jkunu ddedikati għall-aġġornament tal-faċilitajiet nukleari eżistenti.

Fl-2012, ma tteħdu l-ebda deċizzjonijiet ta' self u ma saru l-ebda żborżi taħt il-faċilità ta' self tal-Euratom.

3. ATTIVITAJIET TA' TEĦID B'SELF TAL-UNJONI EWROPEA

Sabiex jiġu ffinanzjati l-attivitajiet ta' għoti b'self deċiżi mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissellef fondi mis-swieq tal-kapital kemm f'isem l-Unjoni Ewropea kif ukoll f'isem l-Euratom. L-għoti u t-teħid b'self jitwettqu b'operazzjonijiet fejn wieħed isegwi l-ieħor ("back to back"), li jassiguraw li l-baġit tal-UE ma jieħu l-ebda riskju marbut mar-rata tal-imgħax jew tal-kambju²². It-teħid b'self pendent huwa kopert b'selfiet pendent.

Tabella 4: L-evoluzzjoni tat-teħid b'self totali tal-Unjoni Ewropea (ammonti pendent ta' kapital⁽¹⁾ f'miljuni ta' EUR)

	KEFA f'likwid.(1) (2)	Euratom (1)	BOP	MFA	EFSM	Total
2008	266	484	2,000	654		3,404
2009	214	481	9,200	584		10,479
2010	219	466	12,050	500		13,235
2011	225	447	11,400	590	28,000	40,662
2012	183	423	11,400	545	43,800	56,351

(1)Ir-rati ta' konverżjoni użati huma dawk tal-31 ta' Diċembru ta' kull sena.

(2)Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar ilha fi stat ta'likwidazzjoni mill-2002. L-aħħar bond maħruġ mill-KEFA jimmatura fl-2019.

3.1. BOP

Fl-2012, taħt il-faċilità tal-BOP, l-ebda self ma ġie eżegwit fis-suq.

3.2. EFSM

Matul l-2012, inġabru EUR 15,8-il biljun, iffinanzjati minn sitt bonds ta' referenza tal-UE ("bonds ta' referenza" tirreferi għal bonds b'ammont nominali pendent ta' EUR 1 biljun jew aktar għal kull sensiela ta' bonds).

²² Ir-Regolament dwar l-EFSM jippermetti li jsir użu minn prefinanzjament billi jawtorizza lill-Kummissjoni li "tissellef fuq is-swieq kapitali jew mill-istituzzjonijiet finanzjarji fiż-żmien l-aktar xieraq bejn il-ħruġ ippjanat tal-fondi, sabiex tottimizza l-kost tal-finanzjament u tippreserva r-reputazzjoni tagħha bħala l-emittent tal-Unjoni fis-swieq." Madankollu, kwalunkwe kost tar-riport li jirriżulta jitħallas minn min jissellef.

Dawn il-bonds tal-UE sabu domanda qawwija fis-suq li wasslet għal domanda li ssuperat bil-bosta l-offerta. Il-gruppi importanti kollha ta' investituri u b'mod partikolari l-investituri fit-tul (fondi ta' investment, maniġers tal-assi, assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni) kif ukoll istituzzjonijiet uffiċjali xtraw dawn il-bonds tal-UE.

Il-prestazzjoni fis-suq sekondarju ta' dawn il-bonds tal-UE kienet pożittiva u kkonfermat il-pożizzjoni tal-UE bħala emittent b'saħħitha ta' bonds ta' referenza. Skont il-kalkoli tagħna u bl-użu ta' input minn 22 banek il-fatturat tas-suq sekondarju f' bonds ta' referenza tal-UE kien ta' EUR 50 biljun fl-2012 (li jitqabbel ma' EUR 40 biljun fl-2011).

Tabella 5: Ħarsa ġenerali tal-finanzjament u l-iżborżi ta' għoti b'self mill-EFSM (f'EUR biljuni)

Pajjiż	Miġbur fi	Data tal-maturità	Daqs
L-Irlanda (1,5), Il-Portugall (1,5)	16/01/2012	04/04/2042	3,00
L-Irlanda	05/03/2012	04/04/2032	3,00
Il-Portugall	24/04/2012	05/04/2038	1,80
Il-Portugall	04/05/2012	04/04/2022	2,70
L-Irlanda	03/07/2012	04/04/2028	2,30
L-Irlanda (1), Il-Portugall (2)	30/10/2012	04/11/2027	3,00
Total			15,80

L-ammont totali miġbur tal-EFSM huwa ta' EUR 43,8 biljun fi tmiem l-2012.

3.3. MFA

Fl-2012, operazzjoni waħda ta' teħid b'self ġiet eżegwita b'suċċess (EUR 39 miljun lill-Armenja).

Tabella 6: Pjazzament privat tal-UE matul l-2012 (f'EUR miljuni)

Pajjiż	Deskrizzjoni	Data tal-ħruġ	Data tal-Maturità	Daqs
L-Armenia	SSD UE 3,137/2026	09/02/2012	04/12/2026	39
Total				39

3.4. Euratom

Fl-2012, ma kien hemm l-ebda operazzjoni ta' teħid b'self taħt l-Euratom.

4. IL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

4.1. Attivitajiet ta' għoti b'self tal-BEI

Il-BEI jipprovdi finanzjament jew *direttament* lil proġetti ta' investiment individwali jew *permezz ta' intermedjarji finanzjarji* lil proġetti fuq skala iżgħar imwettqa mill-SMEs jew mill-awtoritajiet lokali u l-muniċipalitajiet. Il-BEI jipprovdi wkoll garanziji fuq is-self, assistenza teknika u kapital ta' riskju.

Fl-2012, il-BEI iffirma total ta' volum ta' finanzjament ta' EUR 52,2 biljun (meta mqabbla ma' EUR 61 biljun fl-2011).

Il-finanzjament fl-Istati Membri tal-UE kien jirrappreżenta EUR 44,8 biljun. Dan l-ammont mhuwiex kopert mill-garanzija tal-UE. EUR 7,4 biljuni kienu ffirmati barra mill-UE, li minnhom EUR 4 biljuni taħt il-Mandat Estern kienu koperti mill-garanzija tal-UE.

Wara d-dħul fis-seħħ fi tmiem l-2012 tad-deċizzjoni tal-Istati Membri biex jizjed il-kapital imħallas tal-BEI b'EUR 10 biljun, il-BEI huwa mistenni li jżid il-volum tiegħu ta' self b'EUR 60 biljun bejn is-snin 2013 u 2015.

L-attivitajiet ta' finanzjament tal-BEI għandhom impatt fuq il-baġit tal-UE meta huma jkunu akkumpanjati minn garanziji tal-UE. Dan huwa l-każ għal:

- Self tal-BEI imwettaq permezz tal-Mandat Estern (li jkopri l-pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni, il-pajjiżi tal-Viċinat u tas-Sħubija, l-Asja u l-Amerika Latina, l-Afrika ta' Isfel kif ukoll mandat tal-Bidla fil-Klima) li jibbenefika minn garanzija tal-baġit tal-UE li tkopri riskji ta' natura sovrana jew politika. Rapport separat dwar l-attività esterna ta' għoti b'self mill-BEI matul l-2012 se jinħareġ mill-Kummissjoni matul it-tieni semestru tal-2013.

- il-faċilitajiet ta' finanzjament għall-kondiviżjoni tar-riskji li jinvolvu l-użu tal-baġit tal-UE sabiex isostni l-politiki tal-UE (eż. il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji għall-proġetti ta' riċerka u żvilupp u l-Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti).

4.2. Attivitajiet ta' teħid b'self tal-BEI

Fil-kuntest ta' suq volatili, ir-riskju ta' eżekuzzjoni baqa' għoli matul is-sena, speċjalment għal tranżazzjonijiet kbar ta' riferiment. Id-domanda għolja għal bonds tal-BEI l-ewwel kienet tiffavorixxi restrizzjoni fid-differenzjali bi skadenzi iqsar, speċjalment f'EUR. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni ppreservaw il-klassifikazzjoni AAA tal-Bank, appoġġjata mill-pjanijiet dwar żieda kapitali, filwaqt li ċerti pari supranazzjonali Ewropej ma bbenefikawx minn tali riżultat.

Bis-saħħa tal-flessibbiltà ta' dawn il-kundizzjonijiet tas-suq, il-Bank irnexxielu jlesti l-programm ta' finanzjament previst oriġinarjament ta' EUR 60 biljun f'Settembru, u kompli jaħtaf l-opportunitajiet għall-ħruġ f'livelli attraenti sakemm is-swieq saru inqas likwidi qrib tmiem is-sena. Fl-2012, l-attività ta' self tal-BEI tammonta għal EUR 71,3 biljun b'maturità medja ta' 8,4 snin.

5. ŻĠURAR TA' STABBILTÀ FINANZJARJA FIŻ-ŻONA TAL-EURO

B'risposta għall-kriżi ekonomika u finanzjarja globali, il-Kunsill u l-Istati Membri fiż-żona tal-euro ddeċidew dwar pakkett ta' miżuri biex jippreservaw l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro u fl-Ewropa b'mod ġenerali. Dawn il-miżuri huma deskritti fil-qosor hawn taħt u mhumiex garantiti mill-baġit tal-UE.

5.1. Faċilità ta' Self għall-Greċja (GLF)

Wara l-qbil unanimu tal-Ministri tal-Finanzi fiż-żona tal-euro fit-2 ta' Mejju 2010²³ sabiex jappoġġjaw lill-Greċja, ġie stabbilit programm konġunt ta' tliet snin mal-FMI li jinvolvi pakkett finanzjarju sa EUR 110 biljun biex jgħin lill-Greċja, akkumpanjat minn kundizzjonalità qawwija ta' politika²⁴ li ġiet negozjata mal-awtoritajiet Griegi mill-Kummissjoni u l-FMI, b'kollaborazzjoni mal-BĊE. Il-pakkett finanzjarju inizjali tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (EUR 80 biljun) – l-FMI ikkommetta ruħu bi EUR 30 biljun - tnaqqas fl-aħħar bi 2,7 biljuni minħabba li s-Slovakkja ddeċidiet li ma tipparteċipax u minħabba li l-Irlanda u l-Portugall irtiraw mill-GLF billi talbu għall-assistenza finanzjarja għalihom infushom stess. Is-selfiet maħruġa mill-Istati Membri fiż-żona tal-euro taħt dan l-ewwel programm jammontaw għal EUR 52,9 biljun u għal EUR 20,1 biljun mill-FMI.

Il-kundizzjonijiet finanzjarji tal-faċilità kienu aġġustati mill-ġdid f'Diċembru 2012. Il-maturità finali ġiet estiża għal 30 sena filwaqt li nżamm perjodu ta' konċessjoni ta' 10 snin. Barra minn hekk, il-marġini tnaqqas għal 0,5 %. Madankollu, il-marġini ugwali għal 1,5 % se jkompli japplika fir-rigward ta' ammonti dovuti lill-Istati Membri fiż-żona tal-euro li huma taħt programm ta' assistenza finanzjarja sħiħa ffinanzjat mill-EFSF jew l-EFSM.

Fl-14 ta' Marzu 2012, it-Tieni Programm ta' Aġġustament Ekonomiku ġie approvat mill-Ministri tal-Finanzi fiż-żona tal-euro u l-FMI, li żied EUR 130 biljun mal-ammonti mhux imħallsa tal-ewwel programm. Dan it-tieni programm jipprevedi għalhekk total ta' assistenza finanzjarja ta' EUR 164,5 biljun, il-kontribuzzjoni tal-FMI tammonta għal EUR 19,8 biljun. Filwaqt li l-ewwel programm ġie stabbilit bħala Ftehim ta' Bejn il-Kredituri ta' self bilaterali kollettiv mill-Istati Membri appoġġanti taż-żona tal-euro, bil-Kummissjoni tipprovdi l-koordinazzjoni u l-ġestjoni, it-tieni wieħed huwa ffinanzjat permezz tal-EFSF.

Fil-31 ta' Diċembru 2012, is-somma totali maħruġa għall-Greċja ammontat għal EUR 182,9 biljun.²⁵

²³ L-appoġġ huwa pprovdut permezz ta' selfiet bilaterali mill-Istati Membri l-oħra taż-żona tal-euro, miġbura ċentralment mill-Kummissjoni, bil-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dikjarazzjoni tagħhom tal-11 ta' April 2010.

²⁴ L-elementi ewlenin tal-kundizzjonalità tal-politika ġew stabbiliti fid-Deċizzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010 indirizzata lill-Greċja bl-għan li ssaħħa u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit meqjus meħtieġ biex tirrimedja s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv (2010/320/UE). Il-kundizzjonalità kienet spjegata f'iktar dettall f'Memorandum ta' Qbil konkluż bejn l-awtoritajiet Griegi u l-Kummissjoni f'isem l-Istati Membri fiż-żona tal-euro.

²⁵ Dettalji addizzjonali dwar il-Faċilità Griega ta' Self huma disponibbli fis-sit elettroniku http://ec.europa.eu/economy_finance/assistance_eu_ms//greek_loan_facility.

5.2. Il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF)

Il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) inħolqot mill-Istati Membri fiż-żona tal-euro bħala kumpanija rreġistrata fil-Lussemburgu u hija proprjetà tagħhom, wara d-deċiżjonijiet meħuda fid-9 ta' Mejju 2010 fil-qafas tal-Kunsill tal-Ecofin.

Din tfasslet bħala mekkaniżmu ta' salvataġġ temporanju għal self ta' fondi mislufa lill-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jkunu qegħdin f'diffikultà, billi toħroġ bonds garantiti mill-Istati Membri fiż-żona tal-euro. F'Ottubru 2010, ġie deċiż li jinholq mekkaniżmu ta' salvataġġ permanenti, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES).

5.3. Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES)

L-istabbiliment ta' mekkaniżmu permanenti ġdid għall-kriżijiet, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), ġie miftiehem fit-2 ta' Frar 2012 u inawgurat fit-8 ta' Ottubru 2012. Il-mekkaniżmu għandu f'idejh il-kompiti li bħalissa qed jitwettqu mill-EFSF, tal-għoti fejn meħtieġ, ta' assistenza finanzjarja lill-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jkunu qegħdin b'massimu fil-kapaċità ta' self ta' EUR 500 biljun, filwaqt li l-limitu ta' self kumbinat tal-EFSF/MES huwa stabbilit għal EUR 700 biljun. Il-kapital awtorizzat huwa ta' EUR 700 biljun li minnhom EUR 80 biljun huma mħallsa f'kapital mill-Istati Membri fiż-żona tal-euro. Is-sottoskrizzjoni għall-kapital imħallas hija ppjanata li ssir f'ħames pagamenti li jkunu saru sal-ewwel nofs tal-2014. Il-kapital awtorizzat mhux imħallas jista' jissejjaħ biex jirrestawra l-livell ta' kapital imħallas jekk dan tal-aħħar jitnaqqas bl-assorbiment tat-telf. Se jinżamm proporzjon minimu ta' 15 % bejn il-kapital imħallas u l-ammont ta' ħruġ mill-MES matul il-perjodu ta' introduzzjoni gradwali tal-kapital, il-kapital imħallas mhuwiex diponibbli għas-self - iżda huwa investit f'assi likwidi ta' kwalità għolja.

Minn Ottubru 2012, l-MES²⁶ għandu jkun l-istrument prinċipali biex jiffinanzja programmi ġodda.

²⁶ Dettalji addizzjonali dwar l-MES huma disponibbli fuq <http://esm.europa.eu>.